**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M. Jur**

**Rikors Nru. 183/2010 fl-Atti ta' l-ittra ufficjali pprezentata nhar it-28 ta' April 2010 fl-ismijiet:**

**L-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni**
**vs**

**Sesco Investments Limited**

**Illum, 13 ta' Lulju 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Sesco Investments Limited fejn jesponu bir-rispett:

1. Illi l-esponenta giet notifikata bl-ittra ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok SE 1 nhar it-30 ta' April 2010;

2. Illi hija tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt koncess lilha ai termini ta' l-Art.49(2) tal-Kap. 418 sabiex topponi t-talba ta' l-

Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni mressqa fil-konfront taghha;

3. Illi r-ragunijiet li abbazi taghhom l-esponenta tixtieq topponi ghal tali talba huma s-segwenti:

**A. <u>In-nullita ta’ l-ittra ufficjali pprezentata minn l-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni nhar it-28 ta’ April 2010.</u>**

i. Fl-ewwel lok, l-ittra ufficjali, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dok SE1 hija nulla in kwantu pprezentata f’ Qorti inesistenti. L-Ittra ufficjali giet prezentata *“Fil-Oorti tal-Magistrati, Sede Inferjuri”*. Il-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi lista tal-Qrati Maltin. Ghal dak li jirrigwarda l-Qrati presjeduti minn Magistrat, il-Kap. 12 f’Art. 47 et seq tal-Kap.12 jaghmel referenza ghal Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) izda mkien ma taghmel referenza ghal Qorti tal-Magistrati, Sede Inferjuri;

ii. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal dak gja sottomess, l-ittra ufficjali mertu ta’ dawn il-proceduri hija afflitta min-nullita’ ohra in kwantu d-dikjarazzjoni bil-gurament annessa bhala Dok A ma’ l-ittra ufficjali in kwistjoni ma saritx minn wahda mill-persuni elenkati fl-Art.49 (1) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta’ Malta;

iii. L-Artikolu 49(1) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta’ Malta jistipula li d-dikjarazzjoni bil-gurament tista’ ssir minn *ic-Chairman, id-Direttur Generali jew kull ufficjal iehor ta’*

*l-Awtorita' awtorizzat kif imiss mill-Awtorita' biex jagixxi f'isimha;*

iv. Jispetta lill-Awtorita' ta' Malta Dwar il-Komunikazzjoni li tipprova li 1-persuna li ghamlet id-dikjarazzjoni bil-gurament annessa bhala Dok A ma' 1-ittra ufficjali in kwistjoni saret minn wahda minn dawn il-persuni. Sa fejn hija nfurmata l-esponenta l-persuna nkwistjoni la hija c-Chairman u lanqas id-Direttur Generali ta' tali Awtorita'. Fin-nuqqas ta' prova kontrarja lanqas jidher li din il-persuna tinkwadra ruhha f'xi wahda mis-subartikoli ta' l-Art. 5 u 7 et seq tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta;

**B. <u>It-Talba ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt</u>**

i. It-talba ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni hija bbazata fuq "il-fattura" annessa bhala Dok B ma' l-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri.

ii. Fl-ewwel lok, jigi rilevat li ghal dak li jirrigwarda drittijiet, s-somom mitluba minn l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ma humiex dovuti mill-esponenti in kwantu jirrigwardaw attivita' li ma hijiex dik maghmula mill-esponenti. Konsegwentament multi, penali u interessi b'rabta ma' tali drittijiet ma humiex dovuti;

iii. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif ser jirrizulta ahjar fit-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri, d-drittijiet mitluba mill-esponent diga huma mhallsa minn terzi u/jew operaturi ohra stante li jirrelataw ghall-istess

traffiku elettroniku u ghalhekk dak li qieghda titlob l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni jirraviza l-arrikiment indebitu;

iv. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost xi uhud mid-drittijiet li tippretendi l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni jirreferu ghal spejjez amministrattivi allegatament inkorsi minn l-istess Awtorita' li taghhom jispetta lill-istess Awtorita' ggib prova u li f'certi kazi huma purament ta' natura arbitrarja;

**C. <u>Spejjez ta' din il-procedura</u>**

i. Illi s-socjeta' esponenti tipprotesta ghall-ispejjez ta' din il-procedura in kwantu l-Kap. 418 jikkontempla proceduri ohra li setghet tintraprendi l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni fejn fost affarijiet ohra l-esponenti kien ikollha dritt li tirreferi l-kwistjoni lil Bord ta' l-Appell kompost taht l-istess ligi bi spejjez inqas ghal partijiet kollha koncernati;

ii. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost hafna mill-inkorettezzi kommessi mill-istess Awtorita' diga kienu gew senjalati lill-istess Awtorita' u ghalhekk ma kienx hemm htiega tal-proceduri mehuda mill-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li l-ittra ufficjali pprezentata minn l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni nhar it-28 ta' April 2010 hija nulla u bla effett fil-ligi;

   u/jew alternattivament

2. Tiddikjara li l-pretensjoni vantata fl-ittra ufficjali pprezentata minn l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni nhar it-28 ta' April 2010 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentament tichad l-istess talba ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni;

   U dan taht dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li r-rapprezentanti u l-ufficjali taghha huma min'issa ingunti in subizzjoni.

Rat ukoll ir-risposta tal-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni li tghid hekk:

Illi matul is-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010 l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (hawn izjed 'il quddiem "l-Awtorita") seduta stante gie moghtija kopja tar-rikors (mhux iffirmat) tas-socjeta Sesco Investments Limited (hawn izjed 'il quddiem "Sesco"), f'liema rikors is-Sesco qed topponi t-talbiet ghal hlas kif dedotti fil-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2010 (ara id-dok SE1 anness mar-rikors promotur tas-Sesco) fejn l-istess Sesco giet interpellata biex thallas 1-ammont ta' tlett telef, mitejn u hamsa u tmenin Euro u hames centezmi (€3,285.05) dovuti bhala hlasijiet amministrattivi ghal

awtorizzjoni generali li s-Sesco tgawdi u dan a tenur tar-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (A.L. 399.28 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi l-Awtorita a termini ta' l-artikolu 49(3) tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta qed tipprevalixxi ruhha mill-fakolta moghtija lilha mill-ligi biex twiegeb ghat-talbiet kif dedotti fl-imsemmi rikors maghmul mis-Sesco fejn allura s-Sesco qed topponi l-hlasijiet mitluba fl-imsemmija ittra ufficjali.

**Notifika tar-rikors promotur tas-Sesco**

Illi jigi sottomess, u f'dan ir-rigward isir wkoll riferenza ghal verbal tas-seduta ta' 1-24 ta' Gunju 2010 quddiem dina l-Onorabbli Qorti, li sad-data tas-seduta tat-13 ta' Ottubru 2010 l-Awtorita **kienet biss notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza odjerna.** Sat-13 ta' Ottubru 2010 l-Awtorita ma kienetx notifikata bir-rikors tas-Sesco fejn allura s-Sesco qed tikkontesta l-ittra ufficjali fuq imsemmija. Kien biss matul is-seduta tat-13 ta' Otturbu 2010 li l-Awtorita saret taf bl-imsemmija rikors meta allura tat ruhha b'notifikata b'kopja mhux iffirmata ta' l-istess rikors li giet moghtija lilha seduta stante mill-kontroparti wara talba ta' l-istess Awtorita matul f'dik is-seduta.

Illi l-Awtorita qed twiegeb ghas-sottomissjonijiet maghmul fir-rikors tas-Sesco fl-istess ordni kif maghmula fl-isemmi rikors u skond l-istess sub-titlu uzat mir-rikorrenti s-Sesco.

Illi s-sottomissjonijiet maghmul f'din ir-risposta huma bla pregudizzju ghal xulxin.

**A. In-nullita ta' l-ittra ufficjali minn l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni nhar it-28 ta' April 2010**

Illi f'din il-parti tar-rikors promotur is-Sesco tqajjem zewg argument fejn tallega n-nullita ta' 1-ittra ufficjali ta' l-Awtorita gja imsemmija.

**Zvista fl-intestatura tal-Qorti fl-ittra ufficjali ta'l-Awtorita kontra s-Sesco**

Illi l-ewwel argument hi dwar allegat nullita minhabba zball fl-Instestatura tal-Qorti fejn gietipprezentata l-ittra ufficjali, fejn fl-Instestatura "Fil-Qorti tal-Magistrati, Sede Inferjuri" b'svista l-Awtorita naqset li izzid il-kliem "(Malta)".

Illi l-Awtorita tissottometti li dan **mhux nuqqas ta' sustanza** imma svista genwina li b'ebda mod ma tinpingi fuq is-sustanza tal-proceduri odjerni u di piu tall intestatura inkompleta ma titkawza l-ebda pregudizzju lis-Sesco.

Illi noltre hu evidenti li l-ittra gudizzjarju in kwistjoni kienet intenzjonata li jsir fil-Qorti f'Malta – fejn fil-fatt giet ipprezentata – u mhux f'Ghawdex wkoll meta wiehed jaqra' l-kontenut ta'l-istess ittra gudizzjarju u iqis li z-zewg partijiet koncernati ghandhom indirizz f'Malta u li r-rikorrenti Sesco giet notitifkata f'indirizz f'Malta u mhux f'Ghawdex.

Illi f'dan ir-rigward isir riferenza ghal diversi decizjonijiet tal-Qrati taghna dwar dan il-punt fejn b'mod kostanti gie ritenut li zballi ta' din ix-xorta ma ghandhomx ikunu l-kagun tan-nullita ta' 1-atti pertinenti meta tali svista ma tikkagunax fis-sustanza l-ebda prejudizzju lill-parti li lilha tkun indirizzata (ara per ezempju id-

decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell - Appell Civil Numru 4/2006 deciz fit-22 ta' Novembru 2006 fl-ismijiet "Euroweb Limited et vs. Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjonijiet").

**Nullita ghaliex il-persuna li ghamlit id-dikjarazzjoni mhix wahda mill-persuni elenkati fl-art. 49(1) tal-Kap. 418**

Illi din l-eccezzjoni hi unikament fondata fuq l-agrument li l-avukat Paul Edgar Micallef li allura ghamel id-dikjarazzjoni annessa ma'l-ittra ufficjali in kwistjoni, ma hux awtorizzat mill-Awtorita a termini ta' l-artikolu 7(2) tal-Kap. 418 biex jagixxi ghan-nom u f'isem l-istess Awtorita. Simplici talba minn qabel ghal konferma jekk l-imsemmi persuna hiex fattwalment awtorizzata biex taggixxi ghan-nom ta' l-Awtorita kienet tevita li jsir dan l-argument.

Illi l-Awtorita debitament awtorizzat lill-imsemmi avukat biex jidher u jaggixxi f'isem u flok 1-Awtorita f'kull procedement gudizzjarju u f'kull att, kuntratt, strument jew dokument iehor. Jekk ikun hemm mil-htiega l-Awtorita lesta li tipprezenta dokumentazzjoni debitament mahrug mill-Awtorita biex tikkonferma dan.

**B. It-Talba ta' l-Awtorita ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt**

Illi jigi sottomess li fir-rigward tal-perjodu kopert mill-*statement of account* (ara dok 'B' anness ma' l-ittra ufficjali in kwisjtoni) u cioe' sat-30 ta' Gunju 2010, is-Sesco kellha awtorizzazzjoni generali a tenur tad-dispozzizzjonijiet skond ir-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali) (LS399.28). F'dan ir-rigward qed jigi anness bhala dok **MCA1** *notification form* li s-Sesco stess kienet baghtet lill-Awtorita biex hi tkun tista' topera

taht il-kategorija ta' "Other publicly available communications services" (ara t-tieni pagna tad-dok MCA1), kif wkoll ittra sussegwenti mill-Awtorita li tinforma lis-Sesco li wara n-notifikazzjoni tas-Sesco l-istess Sesco giet inkluza fir-registru ta' *authorised undertakings* (ara Dok **MCA2**).

Illi fil-perjodu li ghalih taghmel riferenza l-***istatement of account*** anness ma' l-ittra ufficjali, s-Sesco kienet ghadha tgawdi mill-awtorizzazzjoni generali fuq imsemmija.

Illi ma jirrizultax li s-Sesco f'xi hin ghamlet xi notifika lill-Awtorita skond ir-regolament 55(7) ta' l-A.L.399.28 tal-Ligijiet ta'Malta. Ghalhekk is-Sesco baqghet tigi meqjusa li ghadha registrata bhala li ghandha awtorizzazzjoni generali fil-kategorija ta' "Other publicly available communications services" u dan wara notifika li s-Sescostess kienet ghamlet lill-Awtorita kif diga spjegat f'din ir-risposta u kif jirrizulta mid-dok MCAl.

Illi kuntrarju ghal dak li qed jinghad mis-Sesco gialadarba (ara para B, -ii- tar-rikors promotur) is-Sesco stess ghamlet notifikazzjoni biex tgwadi minn awtorizzazzjoni generali, ma tistax 1-istess Sesco issa targumenta li l-imsemmija hlasijiet amministrattivi m'humiex dovuti ghax dawn –dejjem skond is-Sesco – jirrigwardaw attivita li ma hiex maghmula mis-Sesco.

Illi s-Sesco fattwalment taghmel attivita fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettronici li hi regolata mill-Awtorita u li ghaliha hemm il-htiega ta' awtorizzazzjoni generali u l-konsegwenti hlas amministrattiv u dan wkoll kif ser jigi muri matul is-smigh ta' din il-kawza.

Illi fir-rigward ta'l-argument maghmul mis-Sesco li l-hlasijiet mitluba huma diga mhallas minn ohrajn, is-Sesco kemm il-darba giet mitluba mill-Awtorita biex tghid min huma dawn it-terzi li allegatament qed jaghmlu l-hlasijiet minflok is-Sesco. Pero is-Sesco **dejjem naqset li tforni d-dettalji ta' minn suppost huma dawn it-terzi** ghajr li tghid b'mod vag li hi xi kumpanija Belgjana, minghajr ma taghti izjed taghrif biex l-Awtorita tkun tista' taghmel l-istharrig taghha (ara Dok **MCA3** korrispondenza bejn l-Awtorita u Sesco dwar dan il-punt li saret fi Frar 2010).

Illi l-Awtorita tikkontesta l-allegazzjoni li whud mill-hlasijiet dovuti huma purament ta' natura arbitrrarja, u tirriserva li twiegeb meta u jekk is-Sesco tghid liema skond hi, huma dawk il-hlasijiet allegatament arbitraji da parti ta' l-Awtorita.

Illi precedentement fir-rigward ta' kwistjoni identika is-Sesco kienet ghamlet appell quddiem il-Bord ta'l-Appelli tat-Telekomunikazzjonijiet. Pero is-Sesco kienet imbaghad irtirat l-istess appell u anke iffirmat dikjarazzjoni fejn fost ohrajn kienet accettat li tobdi kull direttiva jew ordni tkun kif tkun imsehja ta'l-Awtorita, b'mod partikolari fir-rigward tal-fornitura da parti tas-Sesco ta' *voice over internet protocol services* u li isegwi kull obligu onoruz fuq is-Sesco bhala intrapriza awtorizzata skond il-Kap.399 tal-Ligijiet ta' Malta (ara dok **MCA4** – verbal tal-Bord ta'l-Appelli ta' 1-20 ta' April 2004 fejn hemm anness dikjarazzjoni maghmula mis-sur Sidney Ellul Sullivan ghan-nom tas-Sesco; u id-dok **MCA5** verbal iehor datat 1-14 ta'Lulju 2004 tal-Bord ta' l-Appell li mieghu hemm anness ittra ta' l-avukat tas-Sesco).Ghal kull bon fini jirrizulta li s-Sesco ghandha sal-lum toffri servizzi ta' VOIP.

**C. Spejjez ta' din il-procedura**

Illi bir-rispett ma hemm l-edba bazi jew sens ghal l-argument maghmul mis-Sesco f'din il-parti tar-rikors taghha. L-Awtorita meta ghamlet l-ittra ufficjali segwiet il-procedura applikabbli skond l-artikolu 49 tal-Kap. 418 tal-Ligijiet ta' Malta fejn allura hemm stabbilt il-procedura li 1-Awtorita trid isegwi f'kazijiet ta' nuqqas ta' hlas ta' xi hlasijiet amiministrattivi jew drittijiet. Jekk is-Sesco deherilha li kellha taghmel xi appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli kien jispetta lis-Sesco li tiehu dan il-pass u mhux lill-Awtorita.

Illi s-Sesco taghmel riferenza b'mod vag ghal allegat inkorettezzi li suppost ghamlet l-Awtorita u li suppost gew senjalati mis-Sesco. L-Awtorita fl-ewwel lok tissottometti li ma ghamlet l-ebda inkorettezza f'dan ir-rigward u tirriserva d-dritt li twiegeb meta b'mod car is-Sesco tghid x'inhuma skond hi dawn l-inkorettezzi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti l-Awtorita umilment titlob li t-talbiet kif dedotti fir-rikors tas-Sesco ghandhom ilkoll jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess Sesco kemm fir-rigward tal-proceduri odjerni kif wkoll dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' April 2010 kontra l-istess Sesco, b'dan b'riserva li l-Awtorita taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u jgib provi ulterjuri kif ikun mehtieg.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tas-07 t'Ottubru 2015, il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba tal-partijiet sabiex jintavolaw nota ta' sottomissjonijiet finali;

Rat illi fit-13 ta' Jannar 2016 is-socjeta' ntimata rikorrenti pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha;

Rat illi fit-08 ta' Marzu 2016 l-Awtorita rikorrenti ntimata pprezentat in-nota ta' sottomissjonijiet finali taghha;

Rat illi fit-13 t'April 2016 il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta' l-ewwel eccezzjonijiet dwar nullita' ta' l-ittra ufficjali, s-socjeta' ntimata rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha rrimettiet ruhha ghad-decizjoni ta' din il-Qorti. Il-Qorti qeghda tichad l-istess eccezzjoni in vista illi l-intestazzjoni ta' l-ittra ufficjali fejn gew inkluzi l-kliem "Sede Inferjuri" ma rrekat l-ebda pregudizzju lill-istess socjeta tant illi din agixxiet skond id-drittijiet moghtija lilha mil-ligi sabiex tikkontesta tali ittra ufficjali u in vista tal-prova prodotti mill-Avukat Micallef illi huwa debitament awtorizza jagixxi f'isem l-Awtorita ai termini tad-Dokument PM 1 esebit a folio 39 tal-process.

Illi fir-rigward tat-tieni lamentela tas-socjeta' ntimata rikorrenti l-Qorti hija tal-fehma illi l-argument tas-socjeta' msemmija huwa sostenibbli fis-sens illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-istess socjeta' hija reseller jew agent ta' servizz ta' VOIP provdut lilha mis-socjeta terza World Call, liema servizz l-istess socjeta' tghaddi lill-klijenti taghha.

Illi ghal-ligi huwa rrelevanti x'nomenklatura tintuza biex jigi deskritt is-servizz moghti sakemm dan jaqa' taht il-kappa ta' "garr ta' sinjali" ai fini tad-definizzjoni skond dak provdut mill-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-

applikazzjoni tar-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettronici (Generali).

Illi r-rapprezentant ta' l-istess socjeta' Sidney Ellul Sullivan fix-xhieda tieghu a folio 53 et seq, jghid illi hija l-istess socjeta' ntimata rikorrenti li ghandu jkollha licenzja. Din id-dikjarazzjoni hija pjuttost kontradittorja ghal dak kollu li inghad precedentament u taghti komfort lit-tezi ta' l-Awtorita.

Illi mill-provi prodotti l-Qorti hija tal-fehma li dan is-servizz jaqa' taht dik il-kappa generali ta' servizz provdut permezz ta' garr ta' sinjali, tant illi kienet l-istess socjeta' ntimata rikorrenti li originarjament talbet li tinhargilha licenzja taht l-istess Artikolu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda tichad it-talbiet tas-socjeta' ntimata rikorrenti Sesco Investments Limited bl-ispejjez kontra taghha.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur